# IL-BUŻBIEŻA

Lulju, ix-xemx taħraq, tisreġ
Ħin, għat-tokk ta' nofs inhar.
'L hawn u 'l hinn bi dbiel mifruxa
Siġar jogħn'su kbar u żgħar.

L-għalqa għerja, niexfa qoxqox
Int biss tħaddar, kollok fruha,
Qamħ u xgħir ilkoll maħsuda
Ġor-razzett qegħdin miġmugħa.

'Ma x'inhu li qed iżommok
Hekk lelliexa, hekk ferrieħa?
Kollox mejjet, kollox rieqed
Inti waħdek tarmi l-fwieħa.

U għax tgħid ilmaħt x'jiġbidni
Qalb ix-xuxa tiegħek mielsa
U ersaqt ftit, ftit lejn djulek
Mit-tgħabbir tal-bniedem ħielsa.

F'nofs il-friegħi, f'dawl tixxaħxaħ
Kien hemm bejta ta' għasfura,
Għajta waħda mbeżżgħa, mnaffra
Tat, u telqet minn ġol-ħdura.

Sitt bajdiet għaddejt fil-bejta,
Bojod, t'għamla żengulija,
B'tikek suwed, sfieq imnaqqxa
Jiddu, b'lehma bellusija.

Meddejt idi w tellajt bajda
Waħda biss, bla ħarbatthomlha
Għax ma ridtx inkidd l-għasfura
Kif kont sibthom ħallejthomlha.

Ma mxejtx wisq 'l hinn mill-bużbieża
Li l-għasfura b'għanja mferrħa
Ma reġgħetx fil-bejta daħlet
U għattiet lil darha mberrħa.

P.P. Theuma